

---

EBA/GL/2015/19

---

19.10.2015

---

## Linji gwida

dwar in-notifikasi ta' passaport għall-intermedjarji tal-kreditu skont id-Direttiva dwar il-Kreditu Ipotekarju

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont I-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont I-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovd l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifika lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 21.12.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2015/19'. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3)

.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jittrattaw ir-rekwiżit għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju biex jinnotifikaw l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju rigward l-intermedjarji tal-kreditu li għandhom l-intenzjoni li jwettqu negozju fi Stat Membru ieħor ("notifika ta' passaport") kif stabbilit fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/17/UE. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ukoll rekwiżiti għall-aġġornament tar-reġistru pubbliku għall-intermedjarji tal-kreditu fir-rigward tan-notifika ta' passaport.

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw għan-notifikasi ta' passaport relatati mal-eżerċizzu tal-libertà tal-istabbiliment u l-provvista ta' servizzi mill-intermedjarji tal-kreditu kif imsemmi fis-subparagrafu (2) tal-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 2014/17/UE<sup>2</sup>, u ma jestendux għall-metodu u l-meżżi ta' superviżjoni tal-intermedjarji tal-kreditu li joperaw fuq bażi transkonfinali.

### Destinatarji

#### Destinatarji ta' dawn il-Linji gwida

7. Il-linji gwida jindirizzaw l-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (l-awtorità tal-EBA) li huma wkoll awtoritajiet kompetenti skont kif iddefiniti fil-punt (22) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/17/UE. Dawn japplikaw sa fejn dawk l-awtoritajiet ġew innominati bħala kompetenti biex jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/17/UE li magħħom huma relatati dawn il-linji gwida.

#### Destinatarji tar-rekwiżiti tal-informazzjoni

8. Irrispettivament minn jekk l-awtorità tal-EBA hijex indirizzata jew le taħt il-paragrafu 7, fejn Stat Membru jkun innomina aktar minn awtorità waħda skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/17/UE u waħda minnhom mhijiex awtorità tal-EBA, l-awtorità tal-EBA nnominata skont dak l-Artikolu għandha, mingħajr ħsara għall-arranġamenti nazzjonali adottati taħt l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2014/17/UE:

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur marbutin ma' proprijetà immobбли residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.02.2014, p. 34).

- a) tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità l-oħra nominata dwar dawn il-linji gwida u d-data ta' applikazzjoni tagħhom;
- b) titlob bil-miktub lil dik l-awtorità sabiex tikkunsidra tapplika l-linji gwida;
- c) titlob bil-miktub lil dik l-awtorità tinforma jew lill-EBA jew inkella lill-awtorità tal-EBA fi żmien xahrejn min-nofitika skont is-subparagrafu (a) jekk tkun qed tapplika jew jekk għandhiex l-intenzjoni li tapplika dawn il-linji gwida; u
- d) fejn applikabbli, tibgħat mingħajr dewmien lill-EBA l-informazzjoni li tkun irċeviet skont is-subparagrafu (c).

## Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fid-Direttiva 2014/17/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

## 3. Implementazzjoni

---

### Data tal-applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-21 ta' Marzu 2016, ħlief li r-rekwiżiti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 japplikaw minn [data ta' pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċċiali + 1 jum].

## 4. Linji gwida dwar in-notifikasi ta' passaport

---

### 1. Eżerċizzju tal-libertà li jingħataw servizzi

1.1 Relatati mal-provvista ta' servizzi, in-notifikasi ta' passaport imsemmija fis-subparagrafu 2 tal-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 2014/17/UE għandu jkollha l-kontenut li ġej:

- a. l-Istat Membru tad-domiċilju li fih l-intermedjarju tal-kreditu għandu l-intenzjoni li jwettaq l-attivitajiet tiegħu;
- b. l-isem, l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-intermedjarju tal-kreditu;
- c. l-indirizz tal-web tar-registro online tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju fejn jistgħu jinstabu d-dettalji dwar l-intermedjarju;
- d. l-isem tal-awtorità kompetenti kurrenti fl-Istat Membru tad-domiċilju;
- e. sal-limitu disponibbli fir-registro tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju, is-servizzi li l-intermedjarju tal-kreditu għandu l-intenzjoni li jagħti fl-Istat Membru ospitanti;
- f. fejn applikabbli, l-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kreditur(i) li magħhom huwa marbut l-intermedjarju tal-kreditu jew li f'isimhom qed jaġixxi b'mod esklussiv u, f'każijiet bħal dawn, il-konferma li l-kreditur(i) jieħdu responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata għall-attivitajiet tal-intermedjarju tal-kreditu;
- g. id-data ta' twelid fil-każ ta' persuna fiżika; u
- h. id-data ta' notifikasi mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju lill-intermedjarju tal-kreditu.

### 2. Eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment

2.1 Relatati mal-istabbiliment ta' fergħa, in-notifikasi ta' passaport imsemmija fis-subparagrafu (2) tal-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 2014/17/UE għandu jkollha l-kontenut li ġej:

- a. l-Istat Membru ospitanti li fih l-intermedjarju tal-kreditu għandu l-intenzjoni li jistabbilixxi fergħa;
- b. l-isem, l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-intermedjarju tal-kreditu;
- c. l-indirizz tal-web tar-registro online tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju fejn jistgħu jinstabu d-dettalji dwar l-intermedjarju;

- d. I-isem tal-awtorità kompetenti kurrenti fl-Istat Membru tad-domiċilju;
- e. I-indirizz tal-fergħa proposta sal-limitu disponibbli fiż-żmien tan-notifika;
- f. I-isem/ismijiet ta' dawk responsabbi għall-ġestjoni tal-fergħa proposta sal-limitu disponibbli fiż-żmien tan-notifika;
- g. sal-limitu disponibbli fir-reġistru tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju, is-servizzi li l-intermedjarju tal-kreditu għandu l-intenzjoni li jagħti fl-Istat Membru ospitanti;
- h. id-data ta' twelid fil-każ ta' persuna fiżika;
- i. fejn applikabbli, I-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kreditur(i) li magħhom huwa marbut l-intermedjarju tal-kreditu jew li f'isimhom qed jaġixxi b'mod esklussiv u, f'każijiet bħal dawn, il-konferma li l-kreditur(i) jieħdu responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata għall-attivitajiet tal-intermedjarju tal-kreditu; u
- j. id-data tan-notifika mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju lill-intermedjarju tal-kreditu.

### 3. Trażmissjoni tan-notifika

3.1 L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun ikkomunikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju lill-awtorità kompetenti tal-Istat(i) Membru(i) ospitanti bl-użu tal-mudelli tan-notifika stabbiliti fl-Annessi 1 u 2 kif xieraq. Fejn hemm diversi notifikasi li jridu jiġu kkommunikati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu alternattivament jikkommunikaw informazzjoni aggregata iżda għandhom jagħmlu dan bl-użu tal-intestaturi stabbiliti fl-Annessi 1 u 2. Jekk l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jaqblu li jagħmlu dan, dawn jistgħu jikkommunikaw diversi notifikasi f'forma elettronika.

3.2 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-informazzjoni meħtieġa bil-miktub f'lingwa aċċettata mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti.

3.3 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-informazzjoni meħtieġa permezz ta' mezzi elettroniċi fejn possibbli u aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Fejn dan mhuwiex possibbli jew aċċettabbli għandha tintuża l-posta normali. Fejn tintuża l-posta normali, in-notifika għandha tintbagħha mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju, u jingħata biżżejjed żmien biex in-notifika tilħaq l-awtorità kompetenti ospitanti fil-perjodu ta' żmien ta' xahar speċifikat fl-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 2014/17/UE (jiġifieri xahar mid-data ta' notifika mill-intermedjarju tal-kreditu lill-awtorità kompetenti tad-domiċilju).

3.4 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-informazzjoni li ġejja relatata man-notifikasi ta' passaport disponibbli għall-pubbliku:

- a. il-lingwi aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti;
- b. I-indirizz li lilu jridu jintbagħtu n-notifikasi ta' passaport jekk jiġu sottomessi bil-posta normali; u

- c. kull mezz elettroniku li permezz tiegħu jistgħu jiġu sottomessi n-notifikasi ta' passaport u kull dettall ta' kuntatt rilevanti.

## 4. Reġistrazzjoni

- 4.1 L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha taġġorġa r-registro pubbliku tagħha bl-informazzjoni meħtieġa, kif stabbilit fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2014/17/UE, fiż-żmien dovut.
- 4.2 Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tagħmel disponibbli fuq ir-registro pubbliku tagħha u fi żmien xahar l-informazzjoni li hemm fin-notifikasi mill-Istat Membru tad-domiċilju li tinkludi l-isem, l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u d-dettalji tal-kuntatt tal-intermedjarju tal-kreditu.

## 5. Notifikasi ta' bidliet għall-informazzjoni fin-notifikasi tal-bidu

- 5.1 L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tinnotifikasi t-terminalizzjoni jew il-modifika ta' attivitajiet ta' passaport jew ta' "dejta statika" (eż. t-tibdil tal-isem jew l-indirizz) jew informazzjoni li ma kinitx disponibbli fiż-żmien tan-notifikasi tal-bidu (Linja gwida 2.1(e) u (f)) lill-awtorità kompetenti ospitanti malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn fi żmien xahar wieħed kalendarju, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq.

## Anness 1 – Formola tan-notifika għall-eżerċitar tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi

1	Id-data tat-trażmissjoni ta' din in-notifika mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju lil dik ospitanti	JJ/XX/SSSS
2	L-Istat Membru ospitanti	
3	Tip ta' notifika	<input type="checkbox"/> L-ewwel notifika <input type="checkbox"/> Bidla għan-notifika ta' qabel
4	L-isem tal-intermedjarju tal-kreditu	
5	Id-data ta' twelid fil-każ ta' persuna fiziċka;	JJ/XX/SSSS
6	Numru ta' regiſtrazzjoni tal-Istat tad-domiċilju	
7	Indirizz tal-uffiċċju prinċipali	
8	Email	
9	Numru tat-telefown	
10	Numru tal-faks	
11	L-isem tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju	
12	L-Istat Membru tad-domiċilju	
13	Indirizz tal-web tar-registro online	
14	Sal-limitu disponibbli, is-servizzi li jridu jingħataw mill-intermedjarju tal-kreditu fl-Istat Membru ospitanti	<input type="checkbox"/> joffri/jippreżenta kuntratti ta' kreditu <input type="checkbox"/> jgħin fil-ħidma amministrattiva preparatorja/ta' qabel il-kuntratt <input type="checkbox"/> jikkonkludi kuntratti ta' kreditu <input type="checkbox"/> jiprovvdi servizzi konsultattivi

15	Intermedjarju tal-kreditu marbut	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
16	Fil-każ ta' intermedjarju tal-kreditu marbut:  a) L-isem u n-numru ta' regiſtrazzjoni tal-kreditur(i) jew tal-gruppi li l-intermedjarju huwa marbut magħhom fl-Istat Membru ospitanti  b) Jekk l-intermedjarju tal-kreditu huwiex marbut esklussivament ma' kreditur wieħed biss.  c) Konferma li l-kreditur(i) jieħdu responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata għall-attivitajiet tal-intermedjazzjoni tal-kreditu	a) .....  b) .....  c) .....

## Anness 2 – Formola tan-notifikasi għall-eżerċitar tal-libertà tal-istabbiliment

1	Id-data tat-trażmissjoni ta' din in-notifikasi mill-awtorità kompetenti tad-domiċilju lil dik ospitanti	JJ/XX/SSSS
2	L-Istat Membru ospitanti	
3	Tip ta' notifikasi	<input type="checkbox"/> L-ewwel notifikasi <input type="checkbox"/> Bidla għan-notifikasi ta' qabel
4	L-isem tal-intermedjarju tal-kreditu	
5	Id-data ta' twelid fil-każ ta' persuna fiziċka;	JJ/XX/SSSS
6	Numru ta' regiżazzjoni tal-Istat tad-domiċilju	
7	Indirizz tal-uffiċċju prinċipali	
8	Email	
9	Numru tat-telefown	
10	Numru tal-faks	
11	L-isem tal-awtorità kompetenti tad-domiċilju	
12	L-Istat Membru tad-domiċilju	
13	Indirizz tal-web tar-registro online	
14	Dettalji tal-fergħa (sal-limitu disponibbli fiż-żmien tan-notifikasi); <ul style="list-style-type: none"><li>• Indirizz</li><li>• NUmru tat-telefown</li><li>• Email</li><li>• Numru tal-faks</li></ul>	
15	L-isem/ismijiet u d-data(i) tat-twelid tal-persuna(i) fiż-żiċċi responsabbi għall-ġestjoni tal-fergħa (sal-limitu disponibbli fiż-żmien tan-notifikasi);	

16	Sal-limitu disponibbli, is-servizzi li jridu jingħataw mill-intermedjarju tal-kreditu fl-Istat Membru ospitanti	<input type="checkbox"/> joffri/jippreżenta kuntratti ta' kreditu <input type="checkbox"/> jgħin fil-ħidma amministrattiva preparatorja/ta' qabel il-kuntratt <input type="checkbox"/> jikkonkludi kuntratti ta' kreditu <input type="checkbox"/> jipprovi servizzi konsultattivi
17	Intermedjarju tal-kreditu marbut	<input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
18	Fil-każ ta' intermedjarju tal-kreditu marbut: a) L-isem u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kreditur(i) jew tal-gruppi li l-intermedjarju huwa marbut magħhom fl-Istat Membru ospitanti b) Jekk l-intermedjarju tal-kreditu huwiex marbut esklusivament ma' kreditur wieħed biss. c) Konferma li l-kreditur(i) jieħdu responsabbiltà sħiħa u inkondizzjonata għall-attivitajiet tal-intermedjazzjoni tal-kreditu	a) ..... b) ..... c) .....